PDF Compressor Pro



Waqt il-Lejla Marjana

Lejla Marjana f'Għajnsielem

F'atmosfera ta' talb, ferħ u paċi, il-Parroċċa t'Għajnsielem organizzat il-ħames edizzjoni tal-Lejla Marjana ta' talb, qari u kant, bit-tema 'Marija il-Qaddejja tal-Mulej'.

F'misraħ il-Knisja, l-Għajnselmiżi ngħaqdu flimkien fi klima ta' talb f'riġlejn Marija Lauretana.

Animaw it-talb id-Djakni Samuel Grech, John Meilak u Stephen Magro tal-Ordni Franġiskan Minuri. Ħadu sehem ukoll il-Korijiet Virgo u dak Lauretana, taħt id-direzzjoni ta' Lelio Spiteri.



Il-Kor Lauretana li anima l-kant waqt il-Lejla Marjana



Mro Sunny Galea, Surmast Direttur tal-Banda San Ġuzepp juri u jispjega dak esebit fil-wirja

Open Day fil-Każin tal-Banda San Ġużepp

Il-Kumitat tal-Banda San Ġużepp t'Għajnsielem, mill-Ħadd 22 sal-Ħadd 29 ta' Awwissu, fetaħ il-bibien tal-Klabb tiegħu għall-pubbliku sabiex ikun jista' jara u jitpaxxa bix-xogħol tal-arti li qed isir fl-Arkivju Mużikali li ser ikun l-element ċentrali tal-Banda San Ġużepp u li ser iħaddan fih storja rikka ta' aktar minn tmenin sena. Il-Pubbliku kellu l-opportunità japprezza u jara b'għajnejh il-ġmiel ta' skultura, xogħol ta' Wenzu Grima fuq disinn ta' Silvio Pace minn Ħal Qormi, Malta kif ukoll wirja ta' strumenti tal-banda, biċċiet ta' mużika u marċijiet kemm brijużi kif ukoll funebri ta' diversi surmastrijiet magħrufa fil-gżejjer Maltin, standardi u affarijiet oħra konnessi mal-banda. 82 sena ta' storja minn meta Mons Ġużeppi Depiro ifforma l-Banda San Ġużepp, fosthom id-diversi strumenti mixtrija minnu stess.



The Cash and Band Group iferraħ lill-pubbliku preżenti waqt il-lejla ta' divertiment

Filgħaxija ittellgħet ukoll attività kulturali.

MINN GĦAWDEX ma' **Charles Spiteri**





Mons Ġużeppi Zerafa waqt l-aħħar irtokki fuq ir-replika tal-Knisja tal-Madonna ta' Lourdes

Replika tal-Knisja ta' Lourdes

Replika tal-Knisja tal-Madonna ta' Lourdes, li tinsab tiddomina fuq il-Port tal-Mġarr, Għawdex, xogħol fl-injam ta' l-Arċipriet Emeritu, Mons. Ġużeppi Zerafa, tlestiet fil-ħin sabiex setgħet tkun għall-wiri fi Pjazza Indipendenza, l-Ħadd 29 ta' Awwissu, festa tal-Madonna ta' Loretu, f'Għajnsielem.

Mons. Zerafa kien ilu jaħdem fuqha kuljum għal dawn l-aħħar xhur.


Mudelli oħra ta' Mons Zerafa huma dawk tal-Għajn tal-Ħasselin, il-Knisja Parrokkjali u l-Knisja l-Qadima.

Mons. Zerafa li llum għandu 72 sena kien ilu Arċipriet tal-Parroċċa t'Għajnsielem għall-25 sena.



Elisa Cordina tferraħ lill-pubbliku preżenti, b'daqq ta' diversi biċċiet mużikali, bis-Saxophone Alto, waqt l-attività ta' filgħaxija organizzata mill-Kumitat tal-Banda San Ġużepp

Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott - *Hard Cover*



Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott. Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti

Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald PO Box 330 Merrylands NSW 2160** jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**

Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.

Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna